MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 216/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Doreen Schembri (ID 197760 M) u Manuel k/a Frank Schembri (ID 203092 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, u mitejn ewro u sittin centezmi (€1200.60) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21447895 (AC10138100 u AT2853/83) skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba u skond diversi kontijiet mibghuta lilhom.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti illi l-kawza giet ceduta mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuta Doreen Schembri fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2008.

Ra mill-atti illi l-konvenut Manuel sive Frank Schembri baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2009 mill-Avukat Keith Grech fil-konfront ta' Manuel sive` Frank Schembri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjeż u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------